MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 741/2004

**Helmuth Gert Farrugia u Yulia Tunik mart Viacheslav Anatolievich Tunik u minnu divorzjata**

***Versus***

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u b'dikriet tal-25 ta' Novembru 2004 Dr Tonio Azzopardi LL.D. u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Viacheslav Anatolievich Tunik, u b'dikriet tas-17 ta' Jannar 2005 issejħu fil-kawża l-kuraturi Dr Patrick Valentino u l-Prokuratriċi Legali Luisa Tufigno biex jirrappreżentaw lill-minuri Sasha Tunik**

Din hija kawża dwar filjazzjoni naturali.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi wara illi kisbet divorzju minn żewġha l-konvenut Viacheslav Anatolievich Tunik b'dikriet mogħti mill-qorti kompetenti fil-Federazzjoni Russa, l-attriċi Yulia Tunik fil-11 t'Awissu 2003 welldet tifel jismu Sasha minn relazzjoni li kellha ma' l-attur Helmuth Gert Farrugia. L-att

ta’ twelid numru 3080 ta’ l-2004 juri illi l-missier huwa l-konvenut Viacheslav Anatolievich Tunik, għalkemm il-missier tassew huwa l-attur Farrugia.

L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi t-tarbija twieldet minn relazzjoni bejn l-atturi u li għalhekk l-attur Farrugia huwa l-missier naturali tat-tarbija; għalhekk fl-att tat-twelid fejn jitniżżel tagħrif dwar missier it-tarbija, l-isem u l-kunjom tal-missier għandu jiġi mniżżel bħala Helmuth Gert Farrugia; u

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel l-annotazzjoni meħtieġa fl-att tat-twelid numru 3080 ta’ l-2004 sabiex juri illi Helmuth Gert Farrugia huwa missier it-tarbija u li għalhekk kunjom it-tarbija huwa Farrugia.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż.

Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma jafx dwar il-fatti msemmija fiċ-ċitazzjoni u għalhekk joqgħod fuq il-provi;

2. l-attur għandu jagħti d-dettalji personali tiegħu sabiex, jekk it-talbiet tiegħu jintlaqgħu, dawn id-dettalji jitniżżlu fl-att tat-twelid;

3. għall-integrità tal-proċess huwa meħtieġ li jinħatru kuraturi biex jidhru fl-interess tal-minuri;

4. għandha ssir pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif irid l-art. 254 tal-Kodiċi Ċivili; u

5. billi kull tibdil mitlub fl-att tat-twelid ma sarx meħtieġ minħabba xi nuqqas tiegħu, l-eċċipjent ma għandux jeħel spejjeż.

Il-kuraturi maħtura biex jidhru f’isem il-konvenut Tunik wieġbu li ma jafux il-fatti.

Id-dettalji personali ta’ l-attur li trid it-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ngħataw b’nota tas-17 ta’ Marzu 2005[1], u l-pubblikazzjoni li trid ir-raba’ eċċezzjoni saret fil-5 t’Awissu 2005[2].

---

[1] *Fol*. 46.

[2] *Fol*. 62.

Kif riedet it-tielet eċċezzjoni, b'dikriet tas-17 ta' Jannar 2005[3] inħatru kuraturi biex jidhru f'isem il-minuri, u dawn wieġbu illi ma jafux il-fatti tal-każ.

Sabiex issir il-prova li riedet l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, b'dikriet tas-17 ta' Marzu 2005[4] inħatar espert sabiex, wara li jqabbel materjal ġenetiku tat-tarbija u dak ta' l-atturi, igħid jekk l-attur huwiex tassew il-missier naturali. L-espert irrelata fit-2 ta' Ġunju 2005 u sab illi, bi probabbiltà ta' 99.9999%, l-attur huwa x'aktarx il-missier naturali[5].

Billi l-qorti hija sodisfatta illi l-attur Helmuth Gert Farrugia huwa l-missier naturali ta' Sasha, tilqa' t-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni: tgħid illi Helmuth Gert Farrugia huwa l-missier ta' Sasha, li għalhekk kunjomu wkoll Farrugia, u tordna illi fl-att tat-twelid ta' Sasha, numru 3080 ta' l-2004, fil-parti fejn jitniżżel tagħrif dwar missier it-tarbija, jitniżżel l-isem ta' Helmuth Gert Farrugia, bil-Karta ta' Identità numru 290190(M), ta' tlieta u tletin (33) sena, imwieled Londra, fl-Ingilterra, ir-Renju Unit, u joqgħod Birżebbuġa, iben il-mejjet Vincent Farrugia.

Billi t-tibdiliet fl-att tat-twelid ma kinux meħtieġa minħabba xi nuqqas tal-konvenuti, l-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom iħallsuhom l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] *Fol*. 35.

[4] *Fol*. 44.

[5] *Fol*.. 56.